**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 27 ta' Novembru 2024**

Rikors Numru: 459/24 AL

A B

u

C D

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponew:

1. Illi huma żżewġu nhar il-hmistax (15) ta' Ottubru, elfejn u ħdax (2011) hekk kif jixhed iċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bhala Dok. A).

2. Illi minn dan iż-żwieġ l-esponenti ma kellhomx tfal.

3. Illi l-esponenti isseparaw legalment permezz ta' kuntratt bonarju ta' separazzjoni datat is-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha u għoxrin (2024) fl-atti tan- Nutar Dottor Jean Carl Debono, kopja tal-istess anness u mmarkat bhala Dok. B;

4. Illi l-esponenti jikkonferma illi huma ilhom de facto separati minn xulxin mis- hamsa u għoxrin (25) ta' April, tas-sena elfejn tlieta w'għoxrin (2023).
5. Illi l-konjugi b'hekk ilhom separati oltre it-terminu ta' sitt (6) xhur, rikjest mil-liġi.
6. Illi l-partijiet m'għandhom ebda pendenza ta' manteniment bejniethom stante skont il-kuntratt tas-separazzjoni huma ddekadew reċiprokament mid-dritt li jirċievu manteniment mingħand xulxin.
7. Illi ma hemmx lok li l-partijiet jerġgħu jirrikonċiljaw u llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin.
8. Illi l-partijiet jixtiequ jottjenu d-divorzju u dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l- Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talbu lil dina l-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja d-divorzju jew il-hall taż-żwieġ bejn il-partijiet, Lara Vella u James Vella.
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill- istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taż-żwieġ tal- partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta’ Ottubru, 2024;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 t'Awwissu 2024 u *de facto* separate mill-25 t'April 2023.

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta din is-sentenza ssir res judicata javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.